KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

| Ref: Seduta 17_9/05/07/V |
|---|

## MINUTI TAS-SBATAX IL-SEDUTA

**Is-Sbatax il seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 9 ta' Mejju, 2007** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi-Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono A&CE**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Assenti:** | **Margaret Ann Azzopardi (Imsiefra)** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech** |
| **Deputat Segretarju :** | **Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-4.30pm b'din l-agenda:

1. **Qari u Approvazzjoni ta' Minuti**
2. **Materji konessi mal-Minuti**
3. **Komunikazzjonijiet (korrispondenza u ħlas ta' pagamenti)**
4. **Komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**
5. **Mistoqsijiet mill-kunsilliera**
6. **Approvazzjoni tar-rapporti finanzjarji għas-sena 2006/2007**
7. **Affarijiet Oħra**

### 1.0 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. Il-minuti ġew approvati bi qbil unanimu.

## 2.0 MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Is-sindku rreferiet għal paġna 5 artiklu 3.15 fejn kien hemm allegazzjoni min-naħa tal-kunsilliera M Debono, M Aquilina u M Briguglio li m'attendewx għall-laqgħa mas-sur Stephen Vella minħabba li kienu ġew infurmati dakinhar stess fil-għaxija li kien tard wisq. Is-sindku wriet il-provi kollha li l-email kienet intbagħtet lill-kunsilliera kollha fil-5 ta' April 2007 meta l-laqgħa kienet fit-13 ta' April 2007 u kif ukoll kellna l-konferma li l-email kienet fil-fatt waslet għand il-kunsilliera kollha. Is-sindku qalet li allura l-email kienet intbagħtet għaxart ijiem qabel u fuq kollox kienet saret laqgħa wara ma l-istess individwu sabiex tagħti l-opportunita' lill-kunsilliera li ma setgħux jattendu biex jiltaqgħu mas-sur Vella. Il-kunsillier M Debono wieġeb li billi l-email kienet waslet seta kien hemm problema bis-*server* u baqa jsostni li huwa ma kienx ra l-email u saħaq li f'laqgħat bħal dawn, il-kunsilliera jistgħu jiġu infurmati bit-telefon. Il-kunsillier M Briguglio qal li huwa kien intebaħ bil-laqgħa meta kien irċieva l-posta u għalhekk kien tard wisq. Madankollu s-Sindku reġat sostniet li l-email kienet intbagħtet u wasslet kif kien indikat.

*Il-kunsilliera N Dimech u J Galea daħlu fil-kamra fil-4.45p.m.*

2.2 Il-kunsillier M Briguglio b'referenza għall-artiklu 3.15 qal li kien wasallu kumment mingħand persuna li l-iżviluppatur ta' Townsquare kien offra li jagħmel mudell tal-proġett għall-kunsill lokali u xi ħadd ma kienx aċċetta. Is-sindku assiguratu li min-naħa tagħha dan żgur li ma kienx il-każ u talbitu jsemmi l-isem tal-persuna li kien qallu b'din l-informazzjoni iżda l-kunsillier Briguglio irrifjuta li jsemmi l-persuna konċernata. Kien hemm qbil unanimu li ninfurmaw lill-iżviluppatur sabiex jekk irid iġib mudell tal-proġett ta' Townsquare li għandu jitqiegħed għad-disposizzjoni tal-pubbliku.

2.3 Il-kunsillier J Galea rrefera għal paġna 2 artiklu 2.1 u staqsa jekk kienx sar progress fuq l-*iskateboard* park propost. Is-segretarju eżekuttiv wieġeb li kien bagħat ittra u anke kien tkellem mal-perit Casha li kienet qaltlu li kienu se jġibu l-istimi min-naħa tal-Ministeru u li wara għandha ssir laqgħa mal-kunsill. Is-segretarju eżekuttiv spjega li hemm possibilta` kbira li l-ispejjeż jinqassmu nofs bin-nofs.

2.4 Il-kunsillier J Galea rrefera għal paġna 5 artiklu 3.13 u staqsa jekk il-kunsill kienx ottjena iktar informazzjoni rigward il-kotba. Is-sindku rrispondiet li kienet se ssir laqgħa l-ġimgħa ta' wara ma rappreżentanti tas-Sliema Wanderers flimkien ma persuna li kienet interessata li tikkontribwixxi għall-pubblikazzjoni ta' dawn iż-żewg kotba.

## 3.0 KOMUNIKAZZJONIJIET (KORRISPONDENZA U ĦLAS TA' PAGAMENTI)

3.1 Is-segretarju eżekuttiv qassam kopja ta' iktar pagamenti li kienu daħlu lil kull kunsillier u ta' ċans lill-kunsilliera sabiex ikunu jistgħu jaraw dawn il-pagamenti.

3.2 Il-kunsillier M Aquilina staqsiet rigward il-ċekk numru 8650 dovut lill-Perit tal-kunsill li jammonta għal Lm2209.63 (€ 5147.06). Is-segretarju eżekuttiv spjega li dan il-kont kien jikkonsisti fir-rapport li kien ħejja l-perit dwar il-proġett ta' *Fort Cambridge* sabiex jissalvagwardja l-interessi tal-kunsill minħabba l-ħsarat li jistgħu jsiru lit-toroq fil-viċinanzi minħabba x-xogħol ta' kostruzzjoni. Is-segretarju eżekuttiv spjega li l-ewwel parti ta' dan ir-rapport kienet intbagħtet lill-kunsilliera kollha. Il-kunsillier M Debono ssuġġerixxa li f'ċirkustanzi bħal dawn, meta l-kont għas-servizz professjonali jkun se jeċċedi l-ammont ta' Lm1000 (€ 2329.37), il-kunsill għandu jiġi avżat minn qabel. Saret diskussjoni u ġie deċiż bi qbil unanimu li l-kunsill għandu jiġi avżat meta rapporti bħala dawn ikunu se jeċċedu ċ-ċifra ta' Lm500 (€ 1164.68). Il-Viċi sindku qal li dan ir-rapport sar biex jissalvagwardja l-interessi tal-kunsill minħabba li l-kunsill huwa responsabbli miż-żamma u manutenzjoni tat-toroq. Il-kunsillier M Debono sostna li huwa ma kienx se japprova dan il-kont. Il-kunsillier N Dimech qal li għalkemm dan ir-rapport huwa essenzjali, il-perit seta almenu ma japplikax ir-rata sħiħa skond kif hemm fil-kuntratt kif isir normalment minn professjonisti oħra meta ċ-ċifra titla b'mod konsiderevoli. Il-kunsillier M Debono qal li l-perit seta qabad għoxrin triq minflok it-toroq li fihom ipprepara l-*bills of quantity* u ppreżenta kont iktar għoli. Kien hemm qbil unanimu li għandna nistaqsu lill-perit sabiex jagħmel reviżjoni fil-kont minħabba li l-kont huwa għoli ħafna.

3.3 Il-kunsillier M Debono rrefera għal kont numru 8643 dovut lill-*Light Housekeepers* u talab għal aktar dettalji u ngħata kopja ta' l-invoice. Is-segretarju eżekuttiv fakkar li qabel ma l-kont jasal il-kunsill, il-kont l-ewwel jiġi approvat mill-*contracts manager* tal-kumitat konġunt li huma *Med Developers Designers and Consultants Ltd.* Saret referenza għal lanterna li kienet inbidlet u li kienet ġiet tiswa Lm160 (€372.69).

3.4 Il-kunsillier J Galea ppropona l-approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti mingħajr ma jitħallas il-kont numru 8650. Il-kunsillier N Dimech issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 Favur u 1 Astensjoni.

3.5 Kien hemm qbil unanimu li jkun hemm sospenzjoni fis-sekwenza ta' l-agenda biex ngħaddu għall-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju għas-sena 2006-2007.

## 4.0 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU 2006-2007

4.1 L-*accountant* tal-kunsill, is-sur C Vella spjega r-rapport finanzjarju.

4.2 Il-kunsillier M Briguglio staqsa għalfejn tnaqqsu b'mod sostanzjali d-dħul miċ-ċitazzjonijiet tal-gwardjani lokali meta mqabbel mas-sena preċedenti. Il-kunsillier N Dimech spjega li l-mod kif taħdem is-sistema ta' *pooling* fil-kumitat kongunt li l-ewwel jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha. Il-kunsillier N Dimech spjega wkoll li kienu tnaqqsu wkoll is-siegħat tal-gwardjani lokali. Is-sindku qalet li kienet tnaqsset siegħa kuljum u li s-siegħat tal-gwardjani f'Tas-Sliema huma mit-8am sas-7p.m. Il-kunsillier N Dimech spjega li bħala ammonti ta' ċitazzjonijiet li ngħataw hemm San Giljan l-ewwel 49% u mbagħad Tas-Sliema 24%. Il-kunsillier M Debono fakkar ukoll li kien inħatar il-Bord tal-Petizzjonijiet.

4.3 Is-sur C. Vella spjega li rigward l-intestatura dwar kirjiet (tal-uffiċċju tal-Kunsill tagħna), din in-nefqa kienet se tieqaf minħabba li l-*agreement* li kien hemm kien spiċċa. Is-segretarju eżekuttiv saħaq fuq l-importanza li niċċekkjaw ma' l-avukat tal-kunsill dwar dan il-każ. Is-sur Vella qal li hemm madwar Lm 4000 (€ 9317.49) arretrati bħala ammont dovut lill-iskola iżda l-kunsill ma kien irċieva l-ebda *invoice*.

4.4 Is-sur Vella spjega li l-posizzjoni finanzjarja tal-kunsill hija waħda tajba u n-*Net Current Assets* jammontaw għal figura ta' Lm57,177 (€ 133186.58).

4.5 Il-Viċi Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' l-*annual financial statements*. Il-kunsillier N Dimech issekonda. Kien hemm qbil unanimu favur l-approvazzjoni tal-*annual financial statements*.

## 5.0 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU/SEGRETARJU EŻEKUTTIV

5.1 Is-sindku rreferiet għall-laqgħa annwali tal-lokalita' u tqassmet kopja tar-rapport li kien tħejja dwar din il-laqgħa biex jiġu kkunsidrati l-kummenti u suġġerimenti tar-residenti.

5.2 Rigward il-*Bring-in-Sites* fi triq Manwel Dimech, ġie deċiż li għandhom jibqgħu fl-istess post biex ma jintilifx iktar parkeġġ. Ġie deċiż ukoll li rigward il-Bring-in-Sites fi triq it-Torri ħdejn il-knisja tal-Karmnu għandhom jitneħħew minn hemm u jitqiegħdu fuq in-naħa l-oħra tat-triq ħdejn il-*Mariner's Pub* filwaqt li l-Bring-in-sites li jinsabu x-xatt, dawn għandhom jitqiegħdu fil-parkeġġ u mhux barra l-parkeġġ.

5.3 Is-sindku ssuġġeriet li rigward il-kummenti kollha li kienu għaddew rigward żvilupp u kostruzzjoni waqt il-laqgħa tal-lokalita', l-kunsill għandu jerġa jagħmel djalogu mal-Prim Ministru. Is-sindku fakkret li kien diġa' sar djalogu mal-Prim Ministru rigward il-każ tal-parkeġġ ta' Qui-si-Sana u dan id-djalogu kien irnexxa. Is-sindku pproponiet li jsir dan id-djalogu mal-Prim Ministru rigward il-kostruzzjoni li għaddejja f'Tas-Sliema. Il-kunsillier J Galea ssekonda. Il-votazzjoni kienet 8 Favur 0 Kontra 0 Astensjonijiet.

5.4 Il-kunsillier M Briguglio ppropona li peress li l-Ombudsman kien qal li l-pjanijiet Lokali huma rregolari, irid jerġa jinfetaħ il-proċess ta'

konsultazzjoni tal-Pjan Lokali u l-kunsill irid jieħu pożizzjoni u javża lill-Gvern Centrali sabiex jerġgħu jinfetħu d-diskussjonijiet. Il-kunsillier M Debono ssekondah. Il-votazzjoni kienet 3 Favur 5 Kontra.

Is-sindku, il-vici sindku, il-kunsilliera N Dimech, J. Galea u L. Vella sostnew li huma ivvotaw kontra minħabba li kienet għada kif ittieħdet deċiżjoni li għandu jsir djalogu mal-Prim Ministru.

5.5 Is-sindku nfurmat lill-kunsilliera li kienet ittieħdet azzjoni fuq bosta lmenti u kienu ġew infurmati l-kuntratturi konċernati wkoll fejn ġie rraportat nuqqas fis-servizz. Suġġeriment ieħor li kien ressaq resident f'din il-laqgħa annwali, li l-Kunsill għandu jinforma lir-residenti bil-lista ta' toroq magħluqa bil-krejnijiet, ġie milqugħ. Fil-fatt din il-lista qegħda tidher fuq il-Website, u kif kienet implimentata ġie deċiż li għandna nagħmlu nota dwar dan fil-magazin tal-kunsill ukoll, biex navżaw b'din l-informazzjoni l-ġdida.

5.6 Il-kunsillier M Debono ġibed l-attenzjoni tal-kunsill li fit-tieni paġna li s-sinjura Astrid Vella kienet tkellmet dwar ir-rapport ta' l-Ombudsman u mhux dwar *Fort Cambridge*.

5.7 Ġie deċiż ukoll li għandna nistaqsu lill-parroċċi sabiex jikkunsidraw li jagħmlulna *noticeboard* fuq iz-zuntier ta' kull parroċċa.

5.8 Il-kunsillier M Debono qal li kien hemm affarjiet oħra wkoll li ssemmew waqt il-laqgħa annwali u li ma tniżżlux, bħan-nuqqas ta' kenniesa fi triq Windsor u li kien hemm suġġeriment ta' resident ieħor sabiex nikkunsidraw li nwaqqfu t-trukkijiet milli jkomplu jkissru l-bankini f'Tas-Sliema. Madankollu, is-Sindku spjegat li l-punti kienu tniżżlu *in point form* waqt il-laqgħa annwali stess u allura wħud mill-punti kienu mniżżla b'mod differenti, u għalhekk kollox kien diskuss.

5.9 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-laqgħa li kienet saret mar-rappreżentanti tal-*Cleansing Services Department* u ma rappreżentant mil-MTA rigward is-servizzi żejda. Is-segretarju eżekuttiv spjega li r-rata fil-ġurnata biex tinkines u tinħasel il-promenade minn Lm 85 (€197.99)+VAT żdiedet għal Lm95 (€ 221.29)+VAT bl-MTA li tkopri nofs l-ispejjeż. Is-segretarju eżekuttiv spjega li rigward is-servizz żejjed, li jikkonċerna t-tindif tal-*litter bins* u ġbir ta' l-skart matul triq it-Torri u toroq oħra anċillari, din is-sena kien se jsir mill-istess Dipartiment li kien offra rata vantaġġjuża ferm ta' Lm50 (€ 116.46) għal kull ġurnata inkluż il-VAT. Is-segretarju eżekuttiv fakkar li dan is-servizz jitħallas kollu kemm hu mill-MTA għalkemm il-kunsill l-ewwel iħallas l-ispejjeż u imbagħad jitħallas lura mill-MTA.

5.10 Is-sindku rreferiet għaż-żjara li kienet saret mad-Delegazzjoni minn Les Sables d'Olonne u semmiet li waqt il-laqgħa li kienet saret magħhom kienu stiednu lill-kunsilliera kollha sabiex fl-aħħar ta' Awissu nkunu nistgħu nitilgħu biex tiġi nawgurata xi triq għal Tas-Sliema. Il-kunsilliera li huma interessati li jitilgħu huma l-kunsilliera M Debono, J Galea, L

Vella, M Aquilina filwaqt li s-sindku ma setgħetx tikkonferma. Il-kunsilliera M Azzopardi għandha tiġi avviċinata peress li ma kienetx preżenti għas-seduta. Il-kunsillier J Galea ssuġġerixxa wkoll li jekk ikun hemm xi għaqdiet li jkunu jridu jitilgħu, dawn ikunu jistgħu jagħmlu hekk billi jħallsu l-ispejjeż huma. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5.11 Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta l-kwotazzjonijiet li kienu ngabu mingħand *Cyberspace Solutions, Net pro Networks* u l-Lab Malta. Id-deċiżjoni kienet li nagħżlu s-sistema mingħand *Cyberspace solutions* iżda l-Kunsill issuġġerixxa li nsaqqsu jekk jaqbilx li s-sistema ma tkunx *web-based* iżda tkun fuq sistema ta' *network* bis-server, minħabba li l-Kunsill possibbillment se jkollu inqas spejjeż kif ukoll aktar sigurta'. Għandna jkollna garanzija ta' sentejn fuq is-sistema. Il-Kunsill għandu jiċċekkja l-aħjar soluzzjoni mal-kumpanija Cyberspace.

5.12 Saret referenza għall-korrispondenza li kienet intbagħtet lill-kunsilliera rigward l-applikazzjoni PA 1943/07 *{Change of Use from stores selling souvenirs to tea shop (no food to be prepared on site) including fixing of sign and retractable canopy}* fi triq ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana. Saret diskussjoni dwar din l-applikazzjoni. Il-kunsillier M Debono qal li jekk dan il-bdil jigi aċċettat mill-MEPA, dan l-istabbiliment ikun daħal fi klassi oħra cioe' tal-*catering* u allura tkun iktar faċli biex ibiddel iktar 'l quddiem fl-istess klassi. Il-kunsillier M Briguglio qal li personalment m'għandu xejn kontra *Tea Rooms* iżda f'żoni residenzjali ma jaqbilx magħhom. Is-sindku qalet li l-applikazzjoni għandna nħalluha f'idejn il-MEPA u l-kunsill kien diġa' ħa deċiżjoni simili li m'għandux jidħol f'applikazzjonijiet bħal dawn. Il-kunsillier M Briguglio ppropona li l-kunsill għandu joġġezzjona minħabba li dan huwa żvilupp kummerċjali f'żona residenzjali f'Tas-Sliema. Il-kunsillier M Debono ssekonda u talab li jitniżżlu l-ismijiet. Il-votazzjoni kienet:

3 Favur (Il-kunsilliera M Briguglio, M Debono u M Aquilina)
5 Kontra (Is-sindku, Viċi Sindku w l-kunsilliera N Dimech, L Vella u J Galea). Is-sindku qalet li din mhijiex deċiżjoni tal-kunsill iżda tal-MEPA.

5.13 Il-kunsillier M Debono rrefera għall-korrispondenza miktuba mis-sur Dunkerly u li kienet intbagħet lill-kunsilliera kollha fejn kien ippropona moratorium għall-ammont ta' snin fuq żvilupp kummercjali f'Tas-Sliema. Il-kunsillier M Briguglio ppropona moratorium ta' tlett snin fuq żvilupp ~~kummerċjali~~ li huwa klassifikat bħala *large scale* u fuq żvilupp kummerċjali f'żoni residenzjali. Il-kunsillier N Dimech staqsa lill-kunsillier Briguglio d-definizzjoni ta' żvilupp kummerċjali *large scale*.

*Il-kunsillier J Galea kien skużat mill-kamra fis-6.50 p.m.*

5.14 Il-kunsillier M Aquilina ssekondat il-proponiment tal-kunsillier Briguglio. * Il-votazzjoni kienet 3 Favur 4 Kontra. Is-sindku spjegat li ivvutat kontra minħabba li kienet għada kif ġiet approvata mozzjoni sabiex isir djalogu mal-Prim Ministru sabiex jiġu diskussi dawn l-affarjiet u allura l-mozzjoni ma kienetx f'waqta.

*Il-kunsillier M Debono talab li jitniżżlu l-ismijiet

5.15 Is-segretarju eżekuttiv qara l-email li konna rċevejna mingħand is-sur Andrew Vella mill-Ministeru għall-affarjiet rurali u l-ambjent rigward il-funtana proposta fejn il-kunsill irid iħallas għall-konsum tad-dawl u l-elettriku iżda mhux għall-applikazzjoni tad-dawl u l-ilma. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5.16 Inqrat l-ittra rigward l-attivita' *World Environment Day-Echo Fest* li tiġi organizzata kull sena fejn din is-sena se tiġi organizzata bejn is-Sibt 9 ta' Ġunju u l-Ħadd 10 ta' Ġunju bejn il-5.00 p.m. u l-11.00 p.m. fi Ġnien Indipendenza u l-*promenade* eżattament fuq l-istess ġnien. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5.17 Is-sindku rreferiet għall-ittra mibgħuta mill-HSBC fejn dan il-bank huwa lest li jikkontribwixxi s-somma ta' Lm1000 (€ 2329.37) biex jassistu lill-kunsill f'xi proġett. Ġie deċiż li nitolbu lill-bank sabiex japprova li s-somma allokata tmur għall-abelliment ta' Sqaq Muscat liema xogħol se jkun simili għal dak li kien sar fi Sqaq Sajjan.

*Il-kunsilliera N Dimech u l-Viżi Sindku kienu skużati mil-kamra fis-7.05p.m.*

5.18 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-email u għall-ittra li kienet intbagħet mis-segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Sliema rigward allegazzjoni ta' att vandalu li twettaq kontra l-bini tas-Soċjeta' tagħhom. Il-kunsillier M Aquilina qalet li din mhijiex kompetenza tal-kunsill. Il-kunsillier L Vella qal li l-persuna li ssemmiet li allegatament wettqet dan l-att m'għandux vettura u lanqas liċenzja tas-sewqan.

*Il-Viċi Sindku daħal lura fil-kamra fis-7.10p.m.*

5.19 Il-kunsillier M Aquilina pproponiet li għandna nagħmlu laqgħa fil-kunsill u nistiednu lis-segretarji tal-baned kollha rispettivi flimkien mal-pulizija. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

*Il-kunsillier N Dimech daħal lura fil-kamra fis-7.15 p.m.*

5.20 Is-sindku rreferiet għaż-żewġ rapporti mħejjija mit-tabib tal-kunsill. Il-kunsill m'approvax l-applikazzjoni tas-sinjura Nathalie Mifsud fi triq Blanche Huber filwaqt li l-applikazzjoni tas-sinjura M Papps fi Trejqet Luzju ġiet approvata.

5.21 Is-sindku rreferiet għall-ittra mibgħuta mingħand is-sur J Attard sabiex jixtri l-vann tal-kunsill għaċ-ċifra ta' Lm190 (€442.58). Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-proċeduri dwar kunsilli lokali 01/96 (paġna 37) dwar il-mod kif il-kunsill jista jiddisponi mill-assi. Il-kunsill bi qbil unanimu aċċetta din l-offerta.

*Il-Viċi Sindku u l-kunsillier M Briguglio kienu skużati mil-kamra fis-7.30 p.m.*

5.22 Rigward ix-xiri tal-vann tal-kunsill, is-segretarju eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera li l-kumpanija li kienet offriet il-vann li kien għażel il-kunsill kienet laħqet biegħhet l-aħħar vann li kien hemm u ma kellhomx intenzjoni li jġibu l-istess tip ta' vann. Il-kunsill reġa evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa u ddeċieda bi qbil unanimu li jinxtara l-vann Peugeot bis-*side door, mud flaps, partition*, sistema ta' ventilazzjoni u *roof rack*.

5.23 Is-segretarju eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera bid-dettalji ta' l-inċident li ġara fil-25 ta' April 2007 fil-lattrina li tinsab quddiem l-għassa fi triq Manwel Dimech. Is-segretarju eżekuttiv spjega li kien ta' l-informazzjoni kollha neċessarja lill-avukat tal-kunsill minħabba li l-ġenituri tal-persuna konċernata kienu wrew l-interess li jiftħu kawża.

*Il-kunsillier M Debono kien skużat mil-kamra fis-7.40 p.m.*

5.24 Inqrat l-ittra mibgħuta mill-*Calypso Sub Aqua Club* sabiex jiġi provdut lilhom parkeġġ fil-*carpark* ta' l-Exiles jitnaddaf qiegħ il-baħar ħdejn in-*Neptunes Waterpolo Club* nhar is-Sibt 19 ta' Mejju 2007 mis-1p.m. sal-5p.m. Ġie deċiż li l-kunsill jaċċetta din it-talba bil-kundizzjoni li jnaddfu l-parti tal-qiegħ ta' ħdejn l-Exiles ukoll u dan minħabba li l-klabb tan-*Neptunes* jaqa fil-konfini ta' San Ġiljan. Il-kunsillier J Galea ġie nkarigat sabiex jikkordina magħhom.

*Il-kunsillier M Debono daħal lura fis-7.44 p.m.*

5.25 Saret diskussjoni dwar ir-rapport tal-perit rigward il-proġett ta' *Fort Cambridge* fejn sar *Inspection Report* kif ukoll ġie ikkwantifikat l-ammont ta' flus li jridu jintefqu biex jerġgħu jsiru t-toroq kollha madwar dan il-proġett. F'dan ir-rapport saret riferenza għat-TIS rapport u dokumenti kollha tal-MEPA fejn il-*planning gain* skond kif kien ġie deċiż mill-MEPA tammonta għal Lm140,224 (€ 326634.05) filwaqt li biex isiru t-toroq kollha konċernati s-somma titla għal Lm172,857 (€ 402648.49). Il-kunsill analizza l-mistoqsijiet kollha li tqanqlu mill-perit sabiex jiġi ssalvagwardjat l-interess tal-kunsill minħabba li l-kunsill huwa responsabbli miż-żamma u manutenzjoni tat-toroq. Kien hemm qbil unanimu li wara li ġie analizzat dan ir-rapport għandha ssir laqgħa mal-MEPA filwaqt li l-kunsillier M Debono saħaq fuq l-importanza li l-kuntrattur għandu jipprovdi garanzija bankarja ta' Lm170,000 (€ 395993.47) skond ir-rapport ta' l-istess perit.

5.26 Ġiet diskussa l-email li kienet intbagħet mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward l-ftehim il-ġdid li kienet qed tinnegozja mal-korporazzjoni ta' l-ilma. Is-segretarju eżekuttiv spjega li dan il-proċess jinsab fil-fażi ta' negozjati. Il-kunsillier L Vella talab li għandha tiġi nkluża fil-ftehim li t-trinek għandhom jinqatgħu bis-sega mill-ħaddiema tal-korporazzjoni ta' l-ilma stess.

5.27 Rigward l-email li ntbagħtet mill-Assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali dwar il-proġett *Leader*, ġie deċiż li l-kunsill ma jissieħibx fil-grupp ta' azzjoni

lokali minħabba li dan il-proġett jikkonċerna kunsilli lokali li għandhom żoni rurali fil-konfini tagħhom.

5.28 Rigward l-ittra miktuba mingħand is-sur G Saliba dwar talba għal lejla sajfija bħalma kien isir fis-snin ta' qabel, il-kunsill iddeċieda li niktbu lill-Onorevoli Zammit Dimech biex naraw jekk hemmx żviluppi dwar in-*Notte Magica* u fil-każ it-talba tas-sur George Saliba tiġi ntegrata ma din l-attivita'.

5.29 Il-kunsill iddeċieda li japplika l-istess ħsieb tan-*Notte Magica* fir-rigward tat-talba tas-sinjura Doreen Sammut għan-nom tal-għaqda ta' ħbiberija bejn Malta u ċ-Ċina sabiex itellgħu attivita' kulturali ta' erbgħin minuta bi strumenti tal-Punent.

5.30 Rigward il-kwotazzjonijiet li ntefgħu għall-istudju ġeoloġiku, is-segretarju eżekuttiv għarraf lill-kunsill li b'kollox konna rċevejna żewġ kwotazzjonijiet. Is-Segretarju eżekuttiv għadda kopja ta' dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet lill-kunsillier M Debono u ġie deċiż li d-deċiżjoni tittieħed fis-seduta tal-kunsill li jmiss.

5.31 It-talba tas-sur Audrick Plum sabiex tittella' attivita' ta' *Bungee Jumping* f'Awissu għal ġimgħatejn sħaħ fuq ix-xatt ħdejn l-Exiles ma ġietx milqugħa mill-kunsill.

5.32 Il-kunsill aċċetta t-talba tas-sur *ACB Stenning* għan-nom tad-*Dunkirk Association* sabiex titqiegħed plakka simili bħal dawk eżistenti ħdejn il-monument tal-gwerra, x-Xatt liema attivita' se ssir fis-sena 2008.

**6.0 MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA**

6.1 Il-kunsillier J Galea ppropona li jsir poġġamann li jagħti mill-*carpark* għal *Exiles waterpolo club* u ieħor ħdejn *Peppi's Kiosk* li jagħti għax-xatt. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6.2 Il-kunsillier J Galea ppropona li tintbgħat ittra lill-kummissarju tal-pulizija sabiex fis-sajf jibda jkun hemm il-pulizija pajżana x-xatt. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6.3 Il-kunsillier J Galea talab li jsiru tabelli sabiex ma jitħalliex il-faħam fuq il-blat. Saret diskussjoni u ġie deċiż li l-kunsill għandu jibda l-proċess sabiex isiru *Byelaws* fuq BBQ li jsiru fuq ix-xatt u li l-permess ikun ta' Lm 2 (€ 4.65) għal kull applikazzjoni. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6.4 Il-kunsillier J Galea talab li ssir lista ta' attivitajiet li se jsiru matul is-sajf u dawn jiġu nklużi fin-*noticeboards* tal-kunsill u anke fil-*website.*

6.5 Il-kunsillier J Galea rrefera għal proposta ta' *Xmas village* x-xatt u qal li qed jgħaddi din il-proposta issa sabiex ma jkunx tard wisq. Il-kunsillier J Galea qal li trid issir il-konsultazzjoni neċessarja mal-GRTU kif ukoll

mal-Ministeru konċernat. Il-kunsillier J Galea qal li din l-attivita' tista ssir mill-kunsill jew inkella l-kunsill jista jdaħħal xi terza persuna biex jikkordina l-proġett. Il-kunillier J Galea ġie nkarigat sabiex jibda l-proċess u jikseb iktar informazzjoni.

6.6 Il-kunsillier L Vella tkellem dwar triq il-Kbira u s-sindku għamlet riferenza għall-ittra tal-perit. Ġie deċiż li għandha tintbgħat ittra lill-ADT bir-rapport tal-perit sabiex nissalvagwardjaw l-interessi tal-kunsill.

6.7 Rigward l-erba *tenders* ippreparati mill-perit tal-kunsill rigward infrastruttura, s-segretarju eżekuttiv qal li kien analizzhom u għamel xi ftit emendi ġie deċiż li għandna nistennew lill-kunsillier M Debono jagħmel l-analiżi tagħhom u mbagħad jinħarġu s-sejħiet għall-offerti.

6.8 Is-segretarju eżekuttiv ġie maħtur bħala l-editur tal-magazin fil-bord editorjali u ġie deċiż li l-avukat tal-kunsill għandu jiġi kkonsultat kull meta jkun hemm il-ħtieġa.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.50 pm. Laqgħa oħra ġiet imsejha nhar l-Erbgħa 20 ta' Ġunju, 2007.

**Josef Grech**
**Segretarju Ezekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**